# Imxu Miegħi sa l-Indja

Suor Emma Camilleri CFCJ



Vjaġġ mill-ħafna li għamilna fl-Indja jien u Suor Marija Muscat. Il-ġurnata kienet it-18 ta' Novembru 1983. Tlajna fil-ferrovija u fid-dlam ċappa bdejna ngħarrxu bit-torċa biex insibu n-numri 25 u 26. Konna ġejjin minn post ieħor, minn fejn jien kont xtrajt ħafna rigali ta' l-injam biex neħodhom Malta. Kienu xogħol ta' l-idejn sabiħ ħafna li l-Indjani li għandna Malta jbigħuhom għaxar darbiet iżjed milli xtrajthom jien. X'ħin Suor Marija ratni nixtri dawk ir-rigali kollha qaltli: "Dawk il-kaxxi fi ħsiebek iġġorrhom miegħek?" Kellha raġun Suor Marija. Kull x'ħin niċċaqalqu ngħoddhom biex nara serqulix xi waħda.

Fl-aħħar ilmaħna l-vagun tagħna. Kien ta' tmienja min-nies. Dħalna, tajna ħarsa madwarna biex naraw kif ikun. Vagun bi tmien injamiet. Tlieta fuq xulxin kull naħa u tnejn faċċata. Inzertaw ħamest irġiel, jiena, seħibti u mara xiħa li kellha n-numru tan-nofs. L-irġiel ħadu ta' fuqna u jien bdilt ma' dik il-mara għax tħassartha meta rajtha kkonfonduta li titla' sellum biex torqod. Dawk l-irġiel dawru u rabtu biċċa drapp ħafifa magħhom, bħal dublett, twil sa fuq saqajhom, u niżżlu l-qalziet ta' fuq. Telgħu l-iskalapiża, firxu sodditħom u fis imteddew ixxamplati. Aħna bdejna nħarsu lejn xulxin għax stħajna nifirxu u norqdu magħhom. Biex tkompli tagħqad ġie raġel jitlobna jekk jistax joqgħod ftit bilqiegħda ħdejna. Qalilna: "Jien siegħa u nofs oħra ninżel."

Dak il-ħin tħassartu u ħennejt għalih, imma wara indunajt li hu bniedem fitt u mhux ta' min jafdah.

Suor Marija u dik il-mara firxu isfel u jien bdejt naħsibha kif se nitla' hemm fuq, b'dak il-baħnan iħares lejja u jidħakli. Kellu aptit ipaċpaċ, imma jien ridt nistrieħ. Ħin minnhom warrab minn ħdejna minuta, u jien dak li kont qed nistenna, tlajt niġri s-sellum daqs għafrid u f'leħħa ta' berqa mteddejt fuq dik il-biċċa njama dejqa. Iżda ma damx ma reġa' ġie ħdejna. Għalaqt għajnejja u għamilt tabirruħi rieqda. Ma kienx ilni wisq f'dik il-qagħda li ma bdejtx nisma' nħir minn kull naħa. Bdejt nitlob 'l Alla li ma jintfewx id-dwal tal-vaguni. Ma stajtx norqod imma kont mistrieħa. Ħsiebi kien f'dak ir-raġel li kellna magħna li ma jisraqlix xi bagalja jew xi kaxxa tar-rigali, għax hu biss kien imqajjem. Ma nafx għaliex, l-irġiel l-oħra ma beżżgħuni xejn u dan għajni għorkitni minnu. Hu kien qalli li siegħa u nofs biss se jdum magħna, imbagħad jinżel. F'qalbi bdejt ngħid, "Possibbli għadha m'għaddietx is-siegħa u nofs?" Fil-ferrovija ma kienx jinstema' għajr inħir u l-ħsejjes tal-ġiri monotonu tagħha. Jien kull minuta bdejt ngħodd il-basktijiet u l-bagalji jekk għadhomx ħdax, u wara li nserraħ rasi nerġa' nagħlaq għajnejja. L-arloġġ deherli wieqaf.

F'salt wieħed inħoss par idejn fuqi, ftaħt għajnejja mwerwra u nara lil dak ix-xitan wiċċu ma' wiċċi qisu statwa. L-għoli tal-kruċċetta tiegħi kien mogħla bniedem. Dak il-ħin għaddieli l-ħsieb li jrid jisraqli s-salib tal-fidda li nġibu fuqna. Bil-kwiet imma bil-ħerra staqsejtu x'irid minni.

Ħsadtu miskin u b'leħen baxx iżjed minn tiegħi qalli: "Jien dalwaqt ninżel, u kulħadd rieqed, jimporta nħobbok ftit qabel nitlaq?"

Għidtlu: "Neħħi idejk minn fuqi għax se nwerżaq!"

Werwirtu x'ħin għedtlu li se nwerżaq. Mur ara kieku ftaħt il-ħanġra, x'qatgħa kienu jieħdu dawk l-irġiel reqdin magħna!

Sadattant, Suor Marija li kienet taħti fuq in-naħa l-oħra semgħet il-kliem u fetħet għajnejja. Ratu wiċċu ma' wiċċi u għajtet "Emma!"

Dak inħasad u telaq jiġri daqs sajjetta.

"X'kien qiegħed jagħmillek dak il-mingħul ta' raġel, x'qatgħa tani. Ħsibtu qed jilluppjak biex jisraqlek xi basket!" Moħħna kien fis-serq biss u mhux fi ħwejjeġ oħra. Għedtilha: "Ma għamilli xejn! Ried iħobbni qabel jinżel. Imma għal li jista' jkun, ejja nerġgħu ngħoddu l-kaxxi." Hemm kien ħsiebna.

X'ħin telaq, bdejt nidħak f'qalbi u għedt: "Għalih kont l-isbaħ fost il-koroħ." Bilkemm ma stħajjiltnix '*Sleeping Beauty*'.

Il-ferrovija ma damitx ma waqfet biex tniżżel u ttella' l-passiġġieri. Ikun x'ħin ikun, mal-waqfa

tagħha, jitilgħu kull xorta ta' bejjiegħa. Jgħajtu għajjat leħen mhux bħall-ieħor u waħda f'waħda għax ikunu jridu jbiegħu f'qasir żmien. L-ewwel ma tilmaħ lil tal-karawett, b'żewġ qfief kbar f'idejhom jgħajtu: "Mungfali! Mungfali!" Warajh jitla tat-tè u tal-kafè: "Caj garam….Neskofi". Ikunu jridu jbiegħu malajr għax il-ferrovija titlaq u ma tistennihomx jinżlu.

Kienu saru s-sitta u beda jbexbex. L-irġiel ta' fuqna bdew iqumu wieħed wara l-ieħor bil-kwiet kollu. Kienu rġiel ta' l-affari tagħhom. Jien bqajt kwieta nosserva kollox. Kif qamu lkoll ħaslu snienhom, imma l-geżwira li kellhom imdawra magħhom ma neħħewhiex. Kienu iżjed komdi milli bil-qalziet.

X'ħin qam ir-raġel li kien fuqi u ġie livell tiegħi, ħares lejja u bi tbissima qalli: *"Did you have a restful night lady?"*

Ried jibda l-kliem, jien inħobb inpaċpaċ u bdejna nitkellmu. Ma kontx naf ma' min kont qed nitkellem, biss indunajt li huma nies ta' skola u jafu l-Ingliż tajjeb. Minn lewna u minn suritna nduna li aħna barranin u staqsieni x'jidhirli mill-Indja. Jien faħħartielhom u ħadu gost bi kliemi. Imma għedtlu li hemm bżonn issir xi ħaġa biex jitnaqqas il-faqar kbir li jinsab f'din l-art. Mingħalija se ngħallimhom x'għandu jsir.

Qalli: "Aħna ħames tobba u sejrin f'post ieħor biex niltaqgħu ma' tobba oħra biex niddiskutu din il-problema li qiegħda theddet lill-Indja."

Wieħed minnhom kien professur u kap ta' sptar mill-aqwa. Rani bid-djaru f'idi, ħaduli u niżżel isimhom kollha. Tobba, nies ta' skola, bid-dublett marbut ma' qaddhom, jieklu u jgħaffġu r-ross b'idejhom u ħafjin. Lil Suor Marija għedtilha: "Mur ġib it-tobba tagħna jarawhom f'din is-sura." M'hemm xejn ħażin fuq kollox.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.

***Min jixtieq jakkwista dan il-ktieb mimli esperjenzi tiegħi jista' jibgħat żewġ liri fuq dan l-indirizz: Sr Emma Camilleri – Kunvent Kristu Re – Notabile Rd – Fleur De Lys – Birkirkara BKR 09 u jien nibgħatulu bil-posta. Ma jinsiex jikteb l-indirizz tiegħu fejn se nibagħtu.***


**Kevin Vella**

**Għal kull tip ta' xogħol ta' Ġardinar**

**Mob: 7905 3492**

**Philip Attard**
**(Hawker)**

Tinned Foodstuffs
Detergents
Toiletries
@
Discounted Prices

**Tel: 2141 1782**
**Mob: 7946 3806, 7920 7827**